**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 23 ta’ Settembru 2020**

**Talba Nru: 357/19 CZ**

**Godfrey Debattista**
**vs.**

**Godwin Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta’ l-attur imressqa fit-12 ta’ Novembru 2019 li biha premetta illi:

1. Ir-rikorrent biegh id-dghajsa bl-isem ‘Shining’ u bin-numru tar-registrazzjoni IS204271 lill-intimat ghall-prezz miftiehem ta’ sebgha u ghoxrin elf u hames mitt Euro (€27,500) u sal-gurnata tal-lum l-intimat hallas biss l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf Euro (€22,000) skond l-istatement immarkat bl-isfar u hawn anness bhala Dok. A, flimkien mas-somma ta’ elf Euro (€1,000) skond il-kopja tac-cheque hawn anness bhala ‘Dok. B’.
2. Ir-rikorrent jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta’ erbat’elef u hames mitt Euro (€4,500) rapprezentanti l-bilanc li ghad irid jithallas ghall-bejgh tad-dghajsa surriferita.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-intimat, inkluz il-mandat ta' qbid numru 2006/19.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta;

Ra illi fis-seduta tal-lum xehdet Dr. Eliza Borg Rizzo, li kkonfermat li s-somma mitluba fil-kawza ghadha dovuta mill-konvenut.

Ra illi l-avukat difensur tal-attur talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza, u ra li l-kawza giet posposta ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' erbat'elef u hames mitt Euro (€4,500) rapprezentanti l-bilanc li ghad irid jithallas fuq bejgh ta' dghajsa mibjugha lill-konvenut.

Illi l-konvenut ma kkontestax il-kawza u lanqas ma prezenta risposta, u wara li sema' x-xiehda fuq imsemmija, it-Tribunal jikkunsidra li t-talba tal-attur hija gustifikata.

Illi l-attur qieghed jitlob ukoll l-imghax, li t-Tribunal jara li ghandu wkoll jithallas mill-konvenut, izda biss sa minn dakinhar li giet prezentata l-kawza odjerna,

kunsidrat illi l-attur ma gab l-ebda prova li huwa interpella gudizzjarjament lill-konvenut sabiex ihallas l-imsemmija somma qabel il-kawza odjerna. L-attur jitlob ukoll l-ispejjez, inkluz ghal mandat ta' qbid. Kopja ta' dan il-mandat ma gietx esebita f'dawn l-atti u ghalhekk it-Tribunal mhux se jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-istess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attur u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat'elef u hames mitt Euro (€4,500), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur